MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 457/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Sciberras**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Sciberras talli:

(1) f'dawn il-Gzejjer, fil-25 ta' Settembru 2008 jew fil-gurnata ta' qabel, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

(2) f'dawn il-Gzejjer, fid-29 ta' Settembru 2008 jew fil-jiem wara, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'

ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ sittin euro (€60) ghad-dannu ta’ Citadel Insurance plc;

(3) sar recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49 *et sequitur* tal-Kodici Kriminali b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 13 ta’ Ottubru 2004;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ Ottubru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 188, 309, 49, 50 u 31 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti sabet lill-imsemmi Anthony Sciberras hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu multa ta’ elf u hames mitt euro (€1,500);

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Anthony Sciberras ipprezentat fit-8 ta’ Novembru 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti u kwindi tilliberah skond il-ligi. Illi fin-nuqqas u fuq bazi ta’ ekwita` f’kaz li din il-Qorti taghzel li ssibu hati, tnaqqas il-multa fil-qawwa taghha;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-appellant jiffurmula l-aggravju tieghu fis-segwenti termini:

“1. illi l-ewwel u qabel kollox il-fatt li l-imputat jaghzel li ma jixhidx hu dritt sagrosant tieghu liema haga ma timmilitax kontrih. Illi f’dan ir-rigward bl-ebda mod m’ghandha tittiehed kontra l-imputat liema principju jaqa’ taht il-kuncett tar-Rule of Law!

“2. illi pero` hu rilevanti li jigi sottolinejat li x-xiehda ta’ Carmen Lia u Catherine Cassar wriet dubbju serju. Illi di piu`, is-sitwazzjoni hi aggravata mill-fatt li gie ammess minnhom li kien hemm hafna nies biex b’hekk ma setghux jghidu min kien qed isuq.

“3. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, hu nteressanti li jigi osservat li meta Catherine Cassar xehdet, hi xehdet b’mod kontradittorju u b’mod differenti liema inkonsistenza ghandha mhux biss tittiehed in konsiderazzjoni imma timmilita favur l-istess imputat.

“4. illi apparti mis-suespost sitwazzjoni, il-prosekuzzjoni naqset serjament milli ggib xhud barrani li kien prezenti bhala konferma ta’ dak allegat, liema nuqqas tispetta kontra l-istess prosekuzzjoni imma timmilita favur l-akkuzat.”

**6.** Kwantu ghall-ewwel ilment ta’ l-appellant, jirrizulta illi fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti qalet: “Illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f’dawn il-proceduri izda fil-kors tal-investigazzjonijiet maghmula mill-Pulizija huwa kien irrilaxxja zewg stqarrijiet (inserita a fol. 50 sa 57 tal-atti processwali) fejn huwa sostna li kien huwa li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JNT-020 fid-data tal-incident awtomobilistiku in dizamina.” Minn dan huwa evidenti illi l-ewwel Qorti ma kienet qed tipprova taghmel l-ebda inferenza mill-fatt illi l-appellant ma xehedx, izda kienet biss qed tindika illi nonostante li ma xehedx, il-verzjoni tieghu tirrizulta mill-istqarrijiet li kien irrilaxxja. Ghalhekk l-ewwel ilment huwa fieragh.

**7.** Kwantu ghar-raba’ lment huwa minnu li l-prosekuzzjoni ma tellghetx persuna ohra (certa Rita Mangion) li kienet riekba fil-karozza li fiha kien hemm Carmen Lia u Catherine Cassar biex tixhed. B’daqshekk ma jfissirx illi ma setax kien hemm provi sufficjenti sabiex l-ewwel Qorti tiddeciedi kif iddecidiet. Del resto, l-appellant seta’ wkoll jitlob li dik il-persuna tittella’ fl-istadju tad-difiza. Dan l-ilment huwa ghalhekk ukoll fieragh.

**8.** L-ilmenti l-ohra jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi. Din il-Qorti fil-fatt ezaminati l-provi kollha li tressqu quddiem l-ewwel Qorti, u b'mod partikolari x-xiehda li nghatat minn Catherine Cassar u minn Carmen Lia peress illi l-appellant isostni illi x-xiehda taghhom hi konfliggenti u kontradittorja. Frankament din il-Qorti ma tara xejn fix-xiehda taghhom illi tista' twassal biex ma titwemminx.

**9.** Carmen Lia kienet ix-xufiera tal-karozza FBP-912 meta sehh l-incident in kwistjoni. Maghha kellha lil Rita Mangion li kienet riekba passiggiera quddiem u fuq wara kien hemm Catherine Cassar. Il-kwistjoni kollha tirrigwarda min kien qieghed isuq il-karozza Peugeot 206 numru JNT-020 li habtet maghhom. Fix-xiehda li tat Carmen Lia quddiem l-ewwel Qorti fit-18 ta' Novembru 2010 hija kienet esplicita dwar li ma kienx l-appellant li kien qieghed isuq il-Peugeot :

“Pros: Peugeot griza. Min kien qed isuqha din il-karozza?
“Xhud: Tfajla.
“ Pros: Kien hemm tfajla f'din il-karozza qed issuqha. Taf min hi din it-tfajla?
“Xhud: Le.
“Pros: Tfajla. Ir-ragel li hawn fl-ewwel bank qatt rajtu inti?
“Xhud: Ehe.
“Pros: Fejn rajtu lil dan?
“Xhud: Ghax imbaghad hi cemplet lil xi hadd u gie dan ir-ragel.
“Pros: Gie dan ir-ragel l-imputat jigifieri fl-ewwel bank?
“Xhud: Ehe.
“Qorti: Ix-xhud qed tindika lill-imputat.
“Pros: Wara kemm gie? Bejn wiehed u iehor?
“Xhud: Nofs siegha.
“....
“Pros: Inti certa li tfajla kienet qed issuqha l-karozza ?
“Xhud: Iva.

“Pros: U certa li l-imputat, il-persuna fl-ewwel bank ma kienx involut fl-incident, lanqas biss kien fil-vettura dak il-hin ta’ l-incident ?
“Xhud: Le ma kienx.
“....
“Pros: Taf min kienet il-persuna li kienet qed issuq il-karozza ?
“Xhud: Le.
“Pros: Taf min kienet il-persuna li kienet qed issuq il-karozza ?
“Xhud: Le.
“Pros: Jekk tigix xi haga minnu taf ?
“Xhud: Ma nafx jekk hux it-tifla tieghu. Ma nafx. Mhux fic-cert.
“Pros: Pero` tikkonferma li ma kienx hu li qed isuqha l-karozza ?
“Xhud: Le.”

**10.** In kontro-ezami baqghet tikkonferma li kien hemm tfajla li kienet qed issuq il-Peugeot:

“Difiza: Inti ndikajt min kien qed isuq, kif u come?
“Xhud: Iva, it-tfajla, it-tifla li kienet qed issuq jew min hi; ammettiet mill-ewwel li t-tort taghha kien.
“Difiza: Inti kont kellimtha lil din id-driver?
“Xhud: Heq mela ma kellimthiex.
“Difiza: Skuzi?
“Xhud: Kellimtha.”

**11.** Catherine Cassar ukoll xehdet li l-karozza l-ohra kienet misjuqa minn tfajla :

“Pros: Min kien qed isuqha din il-vettura?
“Xhud: Tfajla.
“Pros: Tfajla kienet. Kien hemm xi hadd maghha?
“Xhud: Lanqas niftakar. Ma tajtx kaz jekk kinitx wahedha.
“Pros: Pero` certa li kienet qed issuqha tfajla inti?
“Xhud: Iva.

“Pros: Min kien qed isuq il-karozza li dahlet go fikom?

“Xhud: Mara.”

**12.** In kontro-ezami, nonostante xi mistoqsijiet tad-difiza li ppruvaw idahhlu dubju fix-xhud dwar dak li kienet diga` xehdet, Catherine Cassar qalet bla tlaqliq li hija certa li mara kienet qed issuq il-vettura l-ohra. Il-fatt illi kien hemm hafna nies fuq il-post ma jfissirx illi din ix-xhud ma setghetx fil-hin ta’ l-incident tinnota min kien qieghed isuq il-vettura l-ohra. Difatti n-nies normalment jingabru wara li jkun sehh incident u mhux qabel. Ix-xhud fil-fatt qalet li kien hemm hafna nies bhala parti mit-twegiba taghha ghall-mistoqsija tal-prosekuzzjoni: “Dak in-nhar, ftit wara l-incident, gie xi hadd iehor fuq il-post?” Imbaghad din il-Qorti ma tara xejn kontradittorju fix-xiehda taghha ghax l-ewwel tirreferi ghax-xufier tal-karozza l-ohra bhala tfajla mbaghad bhala mara.

**13.** L-ewwel Qorti, li kellha l-opportunita` tara u tisma’ x-xhieda, emmnet dak li xehdu Carmen Lia u Catherine Cassar. Din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex dawn iz-zewg xhieda ma ghandhomx jitwemmnu. Ix-xiehda taghhom hi cara u inekwivoka. Hadd minnhom ma kellu xi interess ma jghidx il-verita`. Ghalhekk l-ilmenti l-ohra ta’ l-appellant huma michuda wkoll.

**14.** Kwantu ghall-piena, dik ghar-reat kontemplat fl-artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta hi ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux izjed minn sentejn jew multa. Dik ghar-reat kontemplat fl-artikolu 309 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta hi ta’ prigunerija minn xahar sa sitt xhur jew il-multa. Skond l-artikolu 11 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta: **“Fejn il-liġi ma tgħidx espressament xort’oħra, il-*maximum* tal-multa huwa elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u l-*minimum* tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29).”** Bl-applikazzjoni tal-paragrafu (f) ta’ l-artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-oghla piena li setghet tigi nflitta fuq l-appellant kienet ta’ €1,164.69 + (1/2 x €1,164.69) = €1,747.04. L-appellant instab hati wkoll li hu recidiv u l-ewwel Qorti setghet ghalhekk izzid il-piena bi grad, f’liema kaz il-piena kienet titla’ ghal

prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur (skond l-artikolu 31(1)(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta). Jigifieri l-piena nflitta hi fil-parametri tal-ligi u din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti ghal dak li hu l-*quantum* tal-multa nflitta.

**15.** Konsegwentement l-appell ma jimmeritax akkoljiment.

**16.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------